# Smigħ Tikka Malti 1b

**Testi tal-*podcasts* li jinsabu fuq www.merlinpublishers.com/tikkamalti/1/podcasts.html**

## Taqsima 11: Il-ġranet tal-ġimgħa

*Paġna 6*

*Dino:* Il-ġurnata favorita tiegħi hija s-Sibt għax is-Sibt immur nilgħab futbol.
*Dina:* U s-Sibt ma jkollniex skola. *(Tidħaq)*
*Dino:* Le l-iskola nħobbha imma xorta waħda nħobb is-Sibt l-iktar għax filgħaxija noħorġu, immorru għand in-nanna, ikun hemm il-kuġini kollha, noqogħdu nilagħbu … Ma tiħux gost int?
*Dina:* Iva jien ukoll inħobbu ħafna s-Sibt. Fil-fatt l-iktar ġurnata favorita tiegħi hija s-Sibt għax int ma tkunx id-dar u jien noqgħod naqra fil-kwiet. :)

*Paġna 9*

**X'tagħmel Tanja matul il-ġimgħa? Isma' u imla l-vojt.**

1. It-Tnejn filgħodu Tanja tmur l-iskola u t-Tnejn filgħaxija tagħmel il-*homework*.
2. Is-Sibt Tanja tmur tiżfen.
3. Tanja tmur għand in-nanna l-Erbgħa.
4. Tanja tmur il-quddies il-Ħadd.

*Paġna 10*

1. Is-sitta ta' filgħodu. Laura rieqda.
2. Is-sitta u nofs ta' filgħodu. Laura tqum.
3. Ftit wara Laura tilbes għall-iskola.
4. Alex, ħuha ż-żgħir, jgħidilha li llum is-Sibt. Is-Sibt ma mmorrux skola!

# Taqsima 12: L-ikel

*Paġna 11*

*Dino:* Ajma ajma!
*Dina:* Xi ġralek?
*Dino:* U xejn.
*Dina:* U ejja, għidli xi ġralek.
*Dino:* Ajma żaqqi kemm qed tuġagħni.
*Dina:* Biex?
*Dino:* Naħseb għax kilt l-għeneb mhux misjur!
*Dina:* Mela kemm kilt?
*Dino:* Imbagħad iddendilt mal-kannizzata!
*Dina:* X'għamilt?
*Dino:* Qisni kelb tal-kaċċatur … *(u jidħaq)*
*Dina:* Int qed tidħaq bija.
*Dino:* Mela mela … ma tafhiex? Ajma żaqqi kemm tuġagħni, kilt il-għeneb mhux misjur, iddendilt mal-kannizzata …
*Dina:* Qisek kelb tal-kaċċatur!

*Paġna 15*

**X'waħda din! Dawn is-sentenzi tħarbtu.**
**Isma' sew u iktibhom fl-ordni t-tajba.**

1. Il-kuġin qed jiekol frotta.
2. Il-kuġina qed tiekol biċċa ħobż.
3. Mark qed jiekol il-ħelu.

*Paġna 16*

1. Samwel qiegħed festin. Qed jitkellem u jixrob ftit ruġġata.
2. Imbagħad jiekol biċċa kejkina.
3. Il-kejkina ma taqbilx miegħu u jibda jħossu ħażin. Ommu u missieru jfakkruh li l-lewż ma jaqbilx miegħu.
4. Samwel qiegħed fil-klinika għand it-tabib. Issa qed iħossu aħjar.

## Taqsima 13: Il-ħwejjeġ

*Paġna 20*

*Dina:* Ara kemm għandi libsa sabiħa.
*Dino:* Imma jien liebes isbaħ minnek.
*Dina:* Iiii ħej, tgħidx kemm hu sabiħ dak id-dinosawru li għandek fuq il-flokk. *(ironiku)*
*Dino:* Dażgur li sabiħ. Dan il-flokk xtrathuli n-nanna.
*Dina:* Il-kulur aħdar tiegħu sabiħ ħafna, veru. In-nanna taf tagħżel. Ara lili x'libsa xtratli.
*Dino:* U iva. Sabiħa wkoll.
*Dina:* Ara kemm għandha fjuri fuqha.
*Dino:* Tridx ngħodduhom?
*Dina:* Mur għoddhom kollha! *(ironika)*
*Dino:* Aħjar le — għax ma nispiċċaw qatt.
*Dina:* Dan il-kulur favorit tiegħi. Int għandek beritta safra wkoll!
*Dino:* Iva xtrathieli n-nanna!
*Dina:* Ħaħa, issa neħodhielek.
*Dino:* Le! Lilek xtratlek kappell isfar ukoll imma nsejt nagħtihulek.
*Dina:* Iss ħej. Fejnu?
*Dino:* Fil-gwardarobba! Għax biex ninkik ħbejtu taħt ix-xorz.

*Paġna 22*

1. Deandra tmur tixtri libsa għal ommha man-nanna.
2. Deandra tgeżwer ir-rigal.
3. Deandra qed tistenna lil ommha biex tagħtiha sorpriża.
4. Omm Deandra diġà għandha dik il-libsa!

## Taqsima 14: It-temp u l-istaġuni

*Paġna 23*

Inżel xita inżel
Ħalli jikber il-ħaxix,
Il-ħaxix nagħtuh lill-mogħża
U l-mogħża ttina l-ħalib.
Il-ħalib nagħtuh lin-nanna
U n-nanna tħitilna qmis.

Sema safi,
u bla riħ,
ebda sħaba,
jum sabiħ.
Ġib ballun
u lkoll flimkien
niġru, niġru
ġewwa l-ġnien.
Ġnien sabiħ
u b'siġar kbar
b'dawn jifirħu
t-tfal iż-żgħar.

*Paġna 25*

**Isma' dawn is-sentenzi tajjeb u mbagħad qabbel l-ewwel biċċa mat-tieni biċċa.**

Fix-xitwa nilbes il-kowt u l-ingravata.
L-iskola tibda f'Settembru.
Jien nagħlaq snini f'Awwissu.
L-istaġun favorit tiegħi huwa r-rebbiegħa.
Il-malja nużaha fis-sajf.

*Paġna 27*

**Isma' dawn is-sentenzi u poġġi fl-ordni skont it-temp.**

Dalgħodu t-temp huwa sabiħ u xemxi.
Waranofsinhar se jqum ir-riħ.
Għada t-temp se jkun ftit imsaħħab.

*Paġna 28*

1. Samira tħares barra mit-tieqa. Kemm hu bard u maltemp!
2. Allura tilbes ħafna ħwejjeġ ħoxnin għax barra l-bard.
3. Samira titlaq mid-dar imgeżwra sewwa. Għandha ġakketta ħoxna, beritta, ingwanti, umbrella …
4. Imma wara ftit toħroġ xemx tiżreġ u Samira tħoss is-sħana.

## Taqsima 15: Il-ħaxix tajjeb għalina

*Paġna 32*

*Dino:* Jien ma nħobbx il-ħaxix kollu.
*Dina:* U int xejn ma tħobb!
*Dino:* Mhux veru … l-iktar ħaxix li nħobb huwa l-patata l-forn fix-xitwa u l-ħass u t-tadam f'xi biċċa ħobż ħdejn il-baħar. U int Dina?
*Dina:* Jien inħobb ħafna l-ħass u t-tadam ukoll. Anke t-tewm u l-basal inħobb meta jkunu mħalltin f'insalata tajba.
*Dino:* Bilħaqq, anke l-basal, jien inħobbu ħafna, allavolja meta jkun nej, tgħidx kemm nibki!
*Dina:* U intom? Xi tħobbu l-iktar? Taf kemm hu importanti l-ħaxix għas-saħħa?

*Paġna 34*

1. Il-ħassa tinżera'.
2. Il-ħassa tibda tikber.
3. Il-ħassa tinġabar.
4. Il-ħassa maħsula.
5. Il-ħassa titqatta'.
6. Imbagħad inkunu nistgħu nikluha. Hmmm kemm hu tajjeb il-ħass!

## Taqsima 16: Il-forom u n-numri

*Paġna 38*

**Isma' sew u pinġi.**

Pinġi kwadru kbir fin-nofs tal-paġna.
Ġo fih pinġi ċirku kbir.
Fiċ-ċirku pinġi kwadru ieħor żgħir.
Taħt il-kwadru l-kbir pinġi trijanglu żgħir.
Fit-trijanglu pinġi stilla.
Issa agħti l-kulur. Il-kwadru l-kbir pinġih blu.
Iċ-ċirku pinġih isfar.
Il-kwadru ta' ġoċ-ċirku pinġih roża.
It-trijanglu pinġih aħdar.
L-istilla pinġiha ħamra.

*Paġna 39*

**Isma' u ikteb.**

1. Iċ-ċirku kbir u aħmar.
2. L-istilla tkun fis-sema.
3. Il-mejda tal-kċina ovali.

*Paġna 40*

1. In-nannu jagħti *jigsaw puzzle* ta' buffu lil Katya.
2. Katya tifrex il-biċċiet kollha fuq il-mejda.
3. Jidħol in-nannu u jara li ma tafx minn fejn se tibda.
4. Allura n-nannu u Katya jagħmlu l-*jigsaw puzzle* flimkien.

## Taqsima 17: Il-kampanja

*Paġna 41*

Il-bebbuxu jħobb jixxarrab,
Inċirata ma jużax,
Lanqas juża xi umbrella,
għax mix-xita ma jibżax.
Bebbuxu ċkejken tal-ġnien tagħna
fittex itlaq lejn id-dar,
għax il-*mummy* dalwaqt tasal,
u ssajrek f'nofsinhar.

*Paġna 46*

1. Il-farfett ibid il-bajd.
2. Toħroġ larva ta' farfett minn kull bajda.
3. Imbagħad il-larva tal-farfett issir fosdqa.
4. Mill-fosdqa joħroġ farfett kbir u sabiħ.

## Taqsima 18: L-ispazju

*Paġna 51*

**Ismagħni u pinġini.**

Jien aljen. Jisimni Żumma u ġej mill-pjaneta Żummara. Jien għandi rasi kbira ta' lewn aħdar. Minflok żewġ idejn għandi ħamsa. Ġismi aħdar ukoll. Imnieħri forma ta' trijanglu aħmar. Widnejja ma tantx huma kbar, anzi żgħar ħafna. Widna minnhom blu u l-oħra roża. Fix-xitwa nħobb nilbes xalla biex ma nħossx bard, u meta tkun ix-xita nilbes kappell ukoll. E bilħaqq! Kont taf li jien għandi tliet saqajn? Jekk tiġri warajja lanqas taqbadni!

*Paġna 52*

1. Hemm aljen li baqa' waħdu fid-dinja.
2. Jiltaqgħu miegħu Bettina u Zak. "U int x'jismek?" jistaqsuh. Aljenat.
3. It-tfal u Aljenat jagħmlu ħbieb malajr u jilagħbu futbol.
4. Imbagħad tiġi għalih il-vettura spazjali.
5. It-tfal ixejrulu: "Erġa' ejja jekk trid!"
6. Wara jpinġu lil Aljenat biex jibqgħu jiftakruh.

## Taqsima 19: X'qed jagħmlu?

*Paġna 53*

Imxi miegħi sal-iskola,
iġri miegħi lejn id-dar,
ċapċap idek,
sabbat sieqek,
aqbeż darba,
ħbiebi żgħar.

*Paġna 57*

**Isma' u immarka t-tajba biss.**

Dino qed jaqbeż.
Dina qed tiżfen.
Dino qed jiekol u jpinġi.
Dina qed taħsel snienha.

## Taqsima 20: Naf nikteb u naqra

*Paġna 62*

**Isma' u imla l-vojt.**

Il-kelb tiegħi jismu Rambo. Għandu 3 snin u tathuli l-mamà meta kien għadu ġeru. Is-suf tiegħu huwa griż u abjad.

Il-qattus tiegħi jismu Pejxu. Għandu 10 snin. Sibtu fit-triq meta kien għadu ferħ. Is-suf tiegħu huwa kollu iswed.